# *FIT-ĦWELID*

*Kien riesaq lejl ta' kesħa, lejl tax-xitwa,*
*u billi hemm fil-belt ma sabitx dar,*
*Marija ma' Ġużeppi baqgħet miexja*
*u fl-aħħar dabbret rasha ġewwa għar.*

*Hawnhekk ma' nofs il-lejl, fuq naqra tiben,*
*ix-Xebba wildet lil Ġesù Bambin:*
*hekk seħħ il-kliem imwiegħed mill-ħabbara,*
*li kienu għexu fit-Testment Qadim.*

*U qtajja' t'Anġli niżlu jgħannu l-għanja:*
*"Tifħir lil Alla fl-għoli tas-smewwiet*
*u Paċi fl-art lin-nies ta' rieda tajba!"*
*Ma' dawk l-inħawi l-għanja tagħhom dwiet.*

*'Żda fejn hi l-Paċi lill-bnedmin mogħtija?*
*Hlief ħerba hawn fid-dinja ma tarax!*
*Ah! fejn hi l-paċi minn Ġesù mifdija?*
*Hlief ġlied u biki l-widna ma tismax!*

*Il-Paċi ntilfet fl-għama ta' did-dinja*
*u ssaltan il-Mibegħda kullimkien;*
*Għalhekk mimlija l-art bil-ġlied u n-niket,*
*Għalhekk il-Paċi ma nsibuha mkien.*

*Lill-Anġli tiegħek, O Feddej, erġ' ibgħat*
*igħannulna l-għanja, dik li darba għannew;*
*iva, Mulej, ibgħathom b'dik il-Paċi*
*li d-dinja tilfet, li qed nistennew.*

P. PORTELLI.